**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u ħamsa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 23 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Gaetano Cuschieri | Kunsillier |

Is-Sur Cedric Valleta kiteb lill-Kunsill fejn talab li jiġi skużat minħabba impenji oħra. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni kienet ġustifikata u għalhekk is-Sur Cedric Valletta ġie skużat mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-minuti

3.1 Is-Sinjura J. Bugeja ipproponiet mozzjoni biex f'punt numru 8 qabel it-tieni punt jidħlu l-kliem "Is-Sinjura J. Bugeja ssuġġerit li Ġieħ il-Ħamrun jingħata lil Dr. Paula Mifsud Bonnici".

Is-Sinjura C. Borg issekondat.

Ir-riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament.

Wara li saret il-korrezzjoni, il-minuti tat-tliet mija u tlieta u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

3.2 Il-minuti tat-tliet mija u erbgħa u għoxrin laqgħa (laqgħa ta' urġenza) tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

Fis-6.00pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

## 4. Punti li joħorġu mill-minuti

*4.1 Kumpanija Firetech – Car Park*

Il-Kunsill irċieva l-ewwel pagament dovut għall-kera tal-Parkeġġ

*4.2 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Premjijiet Nazzjonali lill-Intrapriża 2013*

Is-Sur C. Valletta ħejja applikazzjoni li ġiet preżentata għall-konsiderazzjoni.

*4.3 Attivita' Ħamrun Fest – Era Franċiża*

Is-Sindku spjega li saru diversi laqgħat mill-Kunsilliera bi preparament għall-attivita' ta' nhar is-Sibt. Huwa qal li nkisbu ukoll *sponsors* ta' €400.00 mingħand Saviour Mifsud, €350.00 mingħand MCP Ltd u €250.00 mingħand il-Benna. Ġie spjegat li biex tiġi riklamata l-attivita qed isiru riklami fuq ir-radju, qed jattendi għall-programmi televiżivi filwaqt li saret *banner* u tqassmu *flyers*. Is-Sindku spjega li għall-Konferenza Stampa ta' nhar it-Tlieta attenda biss fotografu tad-DOI. Huwa spjega li l-Kunsill huwa kuntent bil-parteċipazzjoni ta' ħafna Għaqdiet tal-lokal. Is-Sinjura C. Borg kienet qed tieħu ħsieb il-ħjata t a' bandalori għall-attivita'u l-esebizzjoni ta' mejda bl-ikel tal-epoka fl-uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku ta' rendikont tal-infieq għall-attivita,. Dan kien jinkludi €35.00 – *posters*, €120.00 – *banner,* €230.00 – mużika *folk,* €150.00 – *sound*, €80.00 - trasport, €675.00 – *re-enactment* tal-Franċiżi, €1,062.00 – dwal, €236.00 - riklamar, €100.00 – materjal għall-bandalori, €600.00 – *poster* u tqassim, €200.00 – *flyer* u €25.00 – disinn tal-*artwork*. Irid jingħadd ukoll il-ħlas għall-Gwardjani Lokali u Pulizija.

Il-Viċi Sindku spjega li l-programm ser jinkludi daqq ta' Mużika *folk*, daqq u parata mill-1st Hamrun Scout Group, *Re-enactment*, wirjiet mill-Għaqdiet tal-Ħamrun, Għana, Mużika, Eżebizzjoni fl-uffiċċju tal-Kunsill u rokna għat-tfal. Ser ikun hemm ukoll ikel Malti u xorb.

## 5. Korrispondenza

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn l-26 ta' April u l-23 ta' Mejju 2013.

*5.1 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Youth in Action Project*

L-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali kienet qed tistieden Kunsilli Lokali biex jinnominaw żgħażagħ biex jipparteċipaw fi proġett tal-*Youth in Action*. Iridu jingħażlu 6 minn Malta kollha. L-applikazzjonijiet jagħlqu fil-31 ta' Mejju 2013.

*5.2 Sinjura Mariella Scicluna – Kaxxa safra quddiem garaxx*

Il-Kunsill intalb mis-Sinjura Scicluna biex issir kaxxa safra quddiem garaxx li bniet bil-permess tal-MEPA fi 9, Triq il-Vittorja, Ħamrun. Ġie deċiż li t-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.3 Talba għal Motor Cycle Bay – Triq Muscat Azzopardi*

Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Leonard Meilaq biex issir *Motor Cycle bay* fi Triq Muscat Azzopardi. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lil Transport Malta.

*5.4 Għassa tal-Pulizija Ħamrun – Ħsarat fi propjeta tal-Kunsill*

Il-Kunsill ġie infurmat li l-pulizija saru jafu l-persuna li ħabtet fir-*railing* li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp faċċata ta' Triq Giovanni Barbara, Ħamrun.

*5.5 Ħamrun Liberty – Ġieħ il-Ħamrun*

Il-Ħamrun Liberty irrakomandaw li din is-sena Ġieħ il-Ħamrun jingħata lill-Mons. Anton Portelli. Ġie deċiż li l-Ħamrun Liberty jiġu nfurmati li l-Kunsill diġa ħa deċiżjoni f'dan ir-rigward.

*5.6 Perit William Lewis – Periklu fi Sqaq il-Kubrit*

Il-Perit Lewis informa lill-Kunsill li Transport Malta kienet qalet li t-tiswijiet meħtieġa fi Sqaq il-Kubrit iridu jsiru mill-Kunsill. Ġie deċiż li jittieħed parir legali f'dan ir-rigward

*5.7 GreenPak – Recovery Results*

Il-Kunsill ġie infurmat li fl-eweel tal-kwart tal-2013 inġabret 56.02 tunellata skart separat. Dan kien aħjar mill-ewwel kwart tas-sena 2012 fejn inġabret 46.82 tunellata.

*5.8 Kummissjoni Festa Immakulata Kunċizzjoni – Tappieri għall-Festa*

Il-Kunsill ġie nfurmat li wara laqgħa mal-Pulizija, ser ikun hemm bżonn li jitressqu 15-il tappiera għan-nar tal-art. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob stima lill-kuntrattur.

*5.9 Su Philp Massa- Ittra ta' Riżenja u servizz ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' Riżenja mis-Sur Philip Massa mill-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħamrun minħabba li ser jibda xogħol ġdid maċ-Ċivil. Huwa offra s-servizzi tiegħu bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv sakemm jinstab Segretarju Eżekuttiv ieħor permanenti.

Is-Sindku għan-nom tal-Kunsill irringrazzja lis-Sur Massa għall-ħidma tiegħu mal-Kunsill Lokali Ħamrun għal dawn l-aħħar 17-il sena u awguralu għall-ħidma l-ġdida. Il-Kunsill approva unanimament li temproanjament jinħatar Aġent Sgretarju Eżekuttiv.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u Fr. Zammit McKeon ltaqgħu mal-Onor. Dr. Franco Mercieca fejn tressqet il-proposta li ssir Night Shelter f'parti mill-Istitut Fra Diegu.

*6.2 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li tqassam il-fuljett tal-Kunsill. Ġie nnotat żball fit-titlu tal-artiklu tas-Sinjura C. Borg. Għaldaqstant ser ssir nota ta' korrezzjoni fil-ħarġa li jmiss. Ġie raportat li hemm xi toroq li fihom ma' tqassamx il-fuljett.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li s-Sibt li ġej ser issir laqgħa oħra dwar is-saħħa. Din id-darba ser ikun hemm studenti tal-mediċina jieħdu l-pressjoni u l-livel taz-zokkor tal-anzjani.

*6.3 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li tifel bl-isem ta' Justin Fenech għadu kemm ippublika ktieb li jixtieq jirregala lill-Kunsill.

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat ser jorganizza attivita' għall-Jum il-Missier nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju, 2013.

- Is-Sinjura C. Borg spjegat li s-Sotto Kumitat ser jarganizza ħarġa għall-*Limestone Heritage* u oħra biex inżuru Kappelli antiki.

## 7. Tenders u Kwotazzjonijiet

*7.1 Tender - Road Patching Works*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li meta nhar it-Tnejn 29 ta' April infetħet il-kaxxa tal-offerti fil-preżenza tas-Sindku, s-Sinjura C. Borg u s-Sur G. Cuschieri, instabet offerta waħda tal-kumpanija Philip Agius & Sons Ltd. Il-Perit tal-Kunsill ikkonferma li r-rati offruti kienu dawk kurrenti tas-suq.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li t-Tender għas-Servizz ta' *Road Patching Works* jingħata lill-Philip Agius and Sons Ltd, peres li kienet l-unika offerta u kienet tissodisfa r-rekweżiti kollha mitluba fit-Tender.

*7.2 Tender - Street Sweeping & Cleaning Services*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li meta nhar it-Tnejn 29 ta' April infetħet il-kaxxa tal-offerti fil-preżenza tas-Sindku, s-Sinjura C. Borg u s-Sur G. Cuschieri, instabu 8 offerti. (Kopja tal-iskeda tal-offerti mehmuża ma' dawn il-minuti.)

Is-Sindku, Viċi Sindku u s-Sur G. Cuschieri nħattru membri fil- Kumitat tal-Għażla. Ġie deċiż li jittieħdu mizuri biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm xogħol tal-prekarjat fil-kumpanija li tingħata l-kuntratt.

*7.3 Kwotazzjonjiet - Restawr ta' niċeċ*

Infetħu l-kwotazzjonjiet li daħlu għar-restawr ta' 3 niċeċ li kienu:

- Agius Stone Works - €7,777.38
- KAP Services Ltd. - €4,838.00, €3,599.00 u €3,304.00
- Camray Co. Ltd – €1,426.00, €1,610.00, €1,900.00

Ġie deċiż li kopja tal-kwotazzjonjiet jingħataw lill-Perit tal-Kunsill biex jiġu evalwati. Minħabba li l-ispejjeż jeċċedu l-fondi li l-Kunsill ser jingħata taħt l-iskema ta' restawr, il-Kunsill iddeċiedi li għandu jara jekk jistax isib *sponsors* għar-restawr. Għandhom jiġu avviċinati l-Aġenti tal-Karozzi li għandhom *Showrooms* fil-Ħamrun.

## 8. Ittra ta' Direzzjoni mill-Uditur tal-Gvern Lokali

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tal-*Audited Financial Statements*, l-Ittra ta' Direzzjoni mill-Uditur tal-Gvern Lokali u r-risposta tal-Kunsill għall-istess Ittra ta' Direzzjoni (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Ġie nnotat li l-*Accountants* tal-Kunsill m'għandhomx Kutratt mal-Kunsill iżda kienu tqabdu snin ilu bi kwotazzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill iddeċieda li jirregoralizza l-pożizzjoni tiegħu u joħroġ *Tender* għas-servizzi ta' *Accountant*.

Wara li saret spjegazzjoni dettaljata mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra tal-Uditur.

## 9. Promozzjonijiet

Is-Sindku spjega li wara diskussjonjiet li kellu mas-Segretarju Eżekuttiv, kien qed jiġi kkunsidrat li t-tliet skrivani li jinsabu fi skala 15 u li ilhom jaħdmu għal aktar minn tliet snin mal-Kunsill jiġu promossi għal-skala 13, iġifieri dak ta' Uffiċjal Eżekuttiv.

Il-ħsieb huwa li b'dawn il-promossjonijiet jiżdiedu wkoll ir-responsabbiltajiet tal-istaff.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li huwa kien qed jirrakkomanda li l-iSkrivani s-Sinjura Maronia Bonello u s-Sinjorina Tiziana Bajada li jinsabu fuq il-massimu ta' skala 15 jiġu promossi għall-Uffiċjali Eżekuttivi fi skala 13 wara li kkonferma li matul dawn is-snin wettqu d-diversi doveri tagħhom b'livel rakkomandabbli.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega ukoll li huwa kien qed jirrakkomanda li l-iSkrivana s-Sinjorina Fiorella Scicluna li tinsab fuq il-5 *notch* ta' skala 15 tiġi promossa għall-Uffiċċjal Eżekuttiv fi skala 13 wara li kkonferma li matul is-snin impjegata mal-Kunsill, wetqet d-diversi doveri tagħha b'livel rakkomandabbli. B'hekk ukoll il-Kunsill ikun patta għall-inġustizja li sofriet meta kellha terġa tibda mill-anqas *notch* minkejja li kienet ilha taħdem għal tliet snin u nofs ma' Kunsill ieħor.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li matul l-impjieg tagħhom mal-Kunsill Lokali Ħamrun, huma dejjem kellhom *Performance Appraisal* tajba u filfatt ingħataw il-massimu ta' *Performance Bonus*.

Il-Kunsill Lokali Ħamrun approva unanimament li jilqa' r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv li dawn l-iSkrivani jiġu promossi kif regolat mir-Regolamenti Dwar Kunsill Lokali (Riżorsi Umani) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.20, partikolarment Artikolu 14 (3)(b)(ii). Ġie deċiż li dan isir b'seħħ mit-18 ta' Ġunju 2013.

## 10. Jum il-Ħamrun

- Nħar it-Tnejn 27 ta' Mejju, Jum il-Ħamrun ser issir Quddiesa fis-6.30p.m fil-Knisja tal-Kunċizzjoni. Wara ser issir bibita fl-uffiċċju tal-Kunsill fejn ser jingħataw apprezzament, rikonoxximenti u Ġieħ il-Ħamrun kif kien ġie deċiż mill-Kunsill.

- Is-Sindku spjega problema li kellu mal-fotografu li ssoltu jipprovdi servizz fotografiku lill-Kunsill. Ġie deċiż li l-Kunsill isqasi lis-Sur Rene' Monsigneur u lis-Sur Oswald Balzan biex jieħdu ritratti waqt is-serata ta' Jum il-Ħamrun.

## 11. Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

*11.1 Tismija ta' Misraħ*

Is-Sur M. Caruana issuġġerixxa li l-Misraħ quddiem il-bini l-ġdid tal-Kunsill jissemma "Misraħ il-Kunsill".

Il-Kunsill approva unanimament din il-proposta u ddeċieda li jibgħat talba formali lill-Kumitat għat-Tismija ta' toroq.

*11.2 Kiri tal-Misraħ quddiem il-Kunsill*

Is-Sur M. Caruana issuġġerixxa li l-Kunsill jaħdem fuq *Bye-Law* biex il-Misraħ quddiem il-Kunsill jibda jinkera għall-attivitajiet pubbliċi. Huwa spjega li r-rata għall-Għaqdiet Ħamruniż għandu jkun orħos minn dak għall-pubbliku.

Fit-8.15p.m s-Sur G. Cuschieri ġie skużat mil-laqgħa.

*11.3 Triq Mimosa*

Is-Sinjura J. Bugeja talbet sabiex il-Kunsill jerġa jibda diskussjonjiet mal-Gvern biex Triq Mimosa tingħata wiċċ ġdid. Is-Sindku spjega li diġa saret talba f'dan ir-rigward.

## 10. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-23 ta' Mejju 2013 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 12. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.20pm.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

_______________________

DATA